MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 369/2000/1

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**Boris Curmi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u hamsin lira u sittax-il centezmu (Lm551.16,0) oltre l-imghax sad-data effettiva tal-pagament, ghal spejjez inkorsi mill-istess socjeta' attrici ghall-Training li sar bejn il-5 ta' Lulju 1998 sal-12 ta' Lulju 1998 f'Marieburg, Cologne ghal "Annual International Reinsurance Seminar 1998", li gie moghti minn Gerling Global Re u li nghata lill-konvenut tul il-kors ta' l-impieg tal-konvenut ma' l-istess socjeta' attrici u ghal liema

spejjez ghal training il-konvenut ai termini ta’ Artikolu 8 tal-kuntratt ta’ l-impieg tal-konvenut (Dok A) il-konvenut obbliga ruhu li f’kaz li ttermina l-impieg tieghu, minn jeddu jhallashom lura, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici stante li l-ispejjez in kwistjoni ma kienux ghal training ai termini tal-kuntratt ta’ l-impieg tal-esponenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet (fol 46 u fol 49).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, skond kif xehed <u>Edward Sammut</u> (fol 15 u fol 35 et seq tal-istess atti) u dan bhala segretarju tal-Bord tas-socjeta’ attrici, il-konvenut kien gie impjegat mill-istess socjeta attrici, bhala “<u>traniee officer</u>” skond <u>il-kuntratt ta’ xoghol esebit mal-atti a fol 20 sa fol 24</u>. Mill-istess kuntratt jidher li dan kien gie <u>ffirmat</u> fl-ewwel <u>(1) tal-Settembru 1996</u> waqt li x-xhud kien <u>irrizenja</u> mill-impieg tieghu mas-socjeta attrici, fit-<u>23 ta’ Dicembru, 1999</u>, meta kien diga wasal li jkun “underwriter”. <u>F’Lulju 1998</u>, l-istess konvenut kien intbaghad, fil-Germanja, sabiex jattendi “<u>annual international re-insurance seminar</u>. In rigward dan is-“seminar”, gie ukoll esebit mal-atti mill-istess xhud, il-<u>programm</u> relattiv “… waqt dan il-<u>kors</u> fil-Germanja”. Ix-xhud kompla biex jghid, li wara li l-istess konvenut kien termina l-impieg tieghu mas-socjeta’ attrici, hu kien hallas anzi rrifonda l-ispejjes kollha in konnessjoni ma korsijiet li hu kien attenda sew qabel sew wara s-“seminar” in kwistjoni. In rigward dan il-konvenut, difatti, jikkontendi li kien “seminar” u mhux kors ta’ “training” ossija stharrig u ghalhekk ma kienx obbligat li jirrifondi l-ispejjes skond il-

paragrafu tmienja (8) tal-anness kuntratt ta‘ xoghol. Dwar dan il-punt, ix-xhud esebixxa il-programm relattiv ghall-istess “seminar” u skond l-istess xhud jidher, mill-istess dokument esebit a fol 25 u fol 26, illi l-istess seminar kien kors ta‘ stharrig. Fl-ahharnett, ix-xhud esebixxa id-dokumenti rilevanti sabiex jsostni l-ammont pretiz fl-avviz (fol 28 sa fol 33 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (fol 40 et seq ibid) spjega illi kien filfatt, attenda ghas-“seminar” in kwistjoni, skond il-programm imsemmi <u>mill-5 ta’ Lulju 1998 sat-12 ta’ Lulju 1998</u> meta kien “underwriter” mas-socjeta attrici. Pero matul <u>Dicembru 1999</u>, hu kien irrizenja mill-impieg tieghu mal-istess socjeta’ attrici. Pero, meta kien irceva “statement” sabiex jirrifondi xi spejjes, hu kien oggezzjona li jirrifondi dawk in konnessjoni mal-imsemmi “seminar” ghax dan ma setax jigi konsiderat bhala “a course” ta’ “training” u anzi kien gie mgieghel, skond hu, sabiex jattendi minhabba li kien fl-interess tal-istess socjeta attrici. Inoltre, skond il-konvenut l-attendenza tieghu fl-istess “seminar” konsistenti f’”lectures” u diskussjonijiet “ma ghamel l-ebda tibdil fil-kwalifiki tieghi”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, sintetizzati l-provi, ghandhom jigu notati is-segwenti punti:-

a) Skond il-klawsola tmienja (8) gja msemmija (ara fol 22 ibid) u intestata "<u>training</u>” is-socjeta attrici kellha tinkoragixxi l-impjegati taghha “…..to undergo regular training in insurance on related matters” u dan a spejjes tal-istess socjeta attrici bil-patt li l-impjegat kellu jirrifondi (indemnify) l-ispejjes kollha relatati mal-istess stharrig f’kaz li dan jittermina l-impieg tieghu fi zmien sentejn dekoribbli skond kif stipulat fl-istess klawsola.

b) Ma hemm ebda dubbju li l-konvenut ittermina l-impieg tieghu, volontarjament, meta ma kienux skadew is-sentejn imsemmija.

c) Din il-kawza tidher li ghandha, bhala "fact at issue", is-sinifikat ossija interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-kliem "seminar" u "training" u jekk effettivament l-istess "seminar" jaqa' taht l-imsemmija klawsola tmienja (8).

In rigward dan ghandu jinghad illi ma jingieb xejn a konjizzjoni tal-Qorti in konnessjoni ma xi diskussjonijiet jew trattativi li setghu kinu hemm qabel ma gie ffirmat l-imsemmi kuntratt ta' impjieg. Fin-nuqqas ta' dan, li seta' jghin sabiex tigi interpretata l-kelma "seminar" billi wiehed jara x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet kif ukoll fin-nuqqas ta' xi definizzjoni legali il-Qorti rat x'inhu is-sinifikat literali u normali ta' dawn il-kliem. Difatti "the Pocket Oxford Dictionary" jiddifenixxi "training" bhala "bringing person to desired state or standard by instruction and practice" waqt li "seminar" hu definit bhala "small class for discussion" u "short, intensive course of study". Minn dan li ghadu kemm inghad jidher evidenti li "seminar" u "training" ghandhom l-istess skop kif ukoll sinifikat simili, hafna fis-sens li t-tnejn jinvolvu it-taghlim, l-istudju u l-istharrig. Del resto, l-konvenut iddeskriva l-istess "seminar" bhala konsistenti ukoll f' "lectures". Liema fatt jidher evidenti ukoll mill-programm imsemmi.

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess, jidher li s-socjeta' attrici hi gustifikata, legalment, illi tesigi lura l-flus u spejjes inkorsi minnha sabiex il-konvenut jattendi l-imsemmi "seminar", liema spejjes gew sufficjentement dokumentati u pruvati kif di gja inghad hawn fuq.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm551.16,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes.

---------------------------------TMIEM---------------------------------